**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2024/2110(BUI)**

11.12.2024

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-linji gwida għall-baġit 2026 – Taqsima III
(2024/2110(BUI))

Rapporteur għal opinjoni: Dario Nardella

## OPINJONI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-politiki tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, b'mod partikolari l-politika agrikola komuni (PAK), sabiex jiżguraw introjti ekwi għall-bdiewa, trawwim ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u garanzija tal-vijabbiltà tal-produzzjoni agrikola tal-UE;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal l-estimi tagħha, filwaqt li tqis l-impatt fuq il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-għeluq tal-programmi tal-iżvilupp rurali fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-aċċelerazzjoni tal-iżborż fl-ambitu tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK; jissottolinja l-importanza li jiġi evitat nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament f'dan il-kuntest u jistieden lill-awtorità baġitarja tibqa' viġilanti f'dak ir-rigward;

3. Jappoġġja l-promozzjoni tal-prodotti agrikoli tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività u lir-rilevanza tagħhom, inkluż fis-swieq esterni;

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' riżerva agrikola aktar b'saħħitha u aktar reattiva biex tlaħħaq ma' fatturi esterni imprevedibbli, bħal avvenimenti estremi tat-temp jew il-kuntest ġeopolitiku, li jista' jkollhom impatt fuq il-produzzjoni u s-swieq agrikoli;

5. Jopponi kwalunkwe proposta biex jitnaqqas il-livell ta' fondi allokati minn qabel mill-PAK fil-baġit futur;

6. Jissottolinja l-importanza li jiżdied il-finanzjament għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fis-settur agrikolu u agroalimentari, bħal fil-programm ta' riċerka Orizzont Ewropa;

7. Jilqa' t-trasformazzjoni diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali biex jittejbu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-preċiżjoni tas-sistemi agrikoli, filwaqt li jiġi żgurat użu aktar effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-UE;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu u fiż-żoni rurali billi jsaħħu l-miżuri ta' appoġġ li jagħmlu l-impjiegi tal-biedja aktar attraenti u billi jtejbu l-aċċess għall-art u għall-kreditu, b'mod partikolari għan-nisa u għaż-żgħażagħ.